MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Numru. 1162/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DARYL BORG**

**KONTRA**

**JUSTIN DEBATTISTA ta' 20 sena, iben John Glenn Debattista u Theresa nee' Cordina, imwieled Tal-Pieta' nhar it-28 ta' Lulju, 1992, residenti fil-fond numru 124, Chaffinch, Triq il-Wied, Mosta, Malta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0410692M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Justin Debattista** li gie akkuzat talli nhar it-3 ta' Novembru, 2012, ghall-habta ta' 02.45hrs, gewwa San Giljan:

1. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 918 Clayton Azzopardi inkarigat sknod il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqisx bhala vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt illi kien qed jagixxi jew diga’ kien agixxa ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, matul il-lejl, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

5. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra PC 918 Clayton Azzopardi sabiex jingurjah, idejqu, jew jaghmillu hsara;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ PC 918 Clayton Azzopardi f’periklu car, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 918 Clayton Azzopardi, hekk kif iccertifikat Dr C Bugeja detentura ta’ numru tar-Registru Mediku 3082 gewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-istadju tal-prezentata b'arrest, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jerga' jahseb dwar l-istess.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, u wara li rat l-Artikoli 95, 96, 221, 338(m), 338(ee), u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **Justin Debattista** hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2) u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------